# Dun Karm



1. It-18 t'Ottubru tal-1871: Ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ laqa' fih it-twelid ta' Karmenu Psaila. Missieru kien jismu Filippu (1828-1892) u ommu, li kienet importanti ħafna għall-poeta, kien jisimha Lunzjata mwielda Pisani (1831-1909).
2. It-Tfulija: Ta' 7 snin, beda jmur l-iskola primarja tal-Gvern anke jekk l-edukazzjoni obbligatorja kien għad fadlilha biex tidħol f'pajjiżna.
3. L-1885: Karmenu daħal is-Seminarju Minuri għax fi skola tal-Knisja aktar seta' jwettaq ix-xewqat tiegħu kif ukoll tal-ġenituri tiegħu. F'dak iż-żmien, kważi kull familja kienet tagħti tifel lill-Knisja bħala saċerdot; u barra minn hekk il-qassis kien jokkupa livell għoli fis-soċjetà ta' dak iż-żmien.
4. Iż-żgħożija: Ta' sbatax-il sena, Karmenu kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri biex isir qassis. Ta' 23 sena sar qassis u beda jgħallem is-Seminarju stess. Meta kellu sbatax-il sena kien diġà beda jikteb il-poeżiji bit-Taljan.



5. L-1892: Miet missier Karmenu fl-għomor ta' 64 sena. Kien jismu Filippu u kien ġej minn familja ta' bdiewa. Madankollu xogħlu kien li jbaħħar bejn Malta, il-Greċja u artijiet oħra.
6. L-1896: Dun Karm ħareġ l-ewwel ġabra ta' poeżiji bit-Taljan bl-isem ta' *Foglie d'Alloro*.

© Sur Grima

7. L-1909: Mietet ommu, Lunzjata Pisani, li tant kien iħobb u li ddedika ħafna poeżija għaliha.
8. L-1910: minħabba r-riforma li seħħet fis-Seminarju, Dun Karm mar joqgħod fi Triq l-Ifran, il-Belt. Minn issa 'l quddiem, Dun Karm sab ruħu maqtugħ mill-ambjent li ħabb u beda jgħix f'solitudni kbira. Hu stess jistqarr li sab ruħu "midfun ħaj fi tliet kmajriet fil-Belt fejn ma kont naf lil ħadd u ħadd ma kien jafni." Dam joqgħod hemm għal 26 sena sħaħ u hemm kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu bħal *L-Innu Malti*, *Wied Qirda* u *Lill-Kanarin Tiegħi*.



9. L-1912: Kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti *Quddiem Xbieha tal-Madonna*.
10. Il-poeta għadda minn żmien meta l-qagħda finanzjarja tiegħu kienet kemxejn batuta. Hawn għenu ħafna Alfons Marija Galea li kien benefattur kbir tiegħu u ħallaslu wkoll il-pubblikazzjoni ta' xi kotba.
11. Fuq kompożizzjoni tas-Surmast Robert Sammut, Dun Karm kiteb l-Innu Nazzjonali Malti li mhu xejn ħlief talba lil Alla msejsa fuq sitt versi ta' ħdax-il sillaba (endekasillabu).
12. L-1942: Dun Karm inħatar il-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u d-Direttur tar-rivista 'Il-Malti'. L-Għaqda bdiet tissejjaħ 'L-Akkademja tal-Malti'.



13. Dun Karm miet fl-isptar tal-Blue Sisters fit-13 ta' Ottubru tal-1961 fl-età sabiħa ta' kważi 90 sena. Huwa ndifen f'kappella apposta fiċ-ċimiterju tal-istess raħal.

© Sur Grima